KAMRA TAD-DEPUTATI | HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

*L-iSpeaker* | *The Speaker*

**Onor. Adrian Delia M.P.**
Kap tal-Oppożizzjoni

Għażiż Adrian, | 16 ta' Ġunju 2020

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 15 ta' Ġunju 2020.

Is-Sedja tibda billi tassigurak li hija tissottoskrivi totalment għal dak kollu li ġie adottat mill-Kamra bil-Mozzjoni 179 kif approvata fit-12 ta' Diċembru 2018 fejn kien hemm il-kundanna għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u, fost affarijiet oħra, ir-rikonoxximent tal-importanza tal-irwol li l-midja għandha llum f'soċjetá demokratika fir-rispett tal-obbligi u tar-responsabbilitajiet illi dan l-eżerċizzju tad-dritt tal-libertá tal-espressjoni jġib miegħu.

Is-Sedja tassigurak ukoll li hija ma għandha l-ebda intenzjoni jew xewqa li b'xi mod tnessi l-memorja ta' dan l-assassinju faħxi u lanqas li xxekkel il-kors tal-ġustizzja fl-investigazzjoni ta' dan l-assassinju u dan anke għaliex mill-esperjenza tagħha bħala investigatur taf kemm huwa ikrah u deplorevoli dan it-tip ta' reat kriminali.

Is-Sedja ttenni li l-pożizzjoni li ħadet, wara li ġiet mitluba tagħmel dan mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kienet ibbażata unikament fuq iż-żamma tan-newtralitá fejn jirrigwarda kull qasam fis-servizzi mogħtija fil-bini tal-Parlament, li allura jinkludi s-sala fejn normalment jittellgħu l-esibizzjonijiet u jsiru l-attivitajiet mill-pubbliku inġenerali u minn kull qasam tas-soċjetá.

Qed jiġi rilevat ukoll li s-Sedja hija ggwidata wkoll minn dan il-prinċipju fir-rigward ta' persuni li ħadmu qatigħ fil-mixja demokratika ta' pajjiżna, bħal min ġabilna l-Indipendenza, min għamilna Repubblika, min ħadem biex dħalna fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll min saħansitra ġie eżiljat jew anke tilef ħajtu biex is-sena d-dieħla nistgħu nfakkru l-mitt sena anniversarju tal-Parlament Malti. Dan biex ma nsemmux in-numru ta' politiċi u persuni oħra fis-soċjetá li tant ħadmu għall-ġid tal-proxxmu tagħhom f'kull qasam tas-soċjetá. Hekk kif issemmi sala għal xi ħadd, tqum il-mistoqsija għaliex mhux għal xi ħadd ieħor, u immedjatament tinqala' kontroversja minkejja kull intenzjoni tajba li għaliha jkun sar dan il-ġest u minkejja l-ġid kollu li dik il-persuna tkun wettqet tul ħajjitha.

Is-Sedja ħadet il-pożizzjoni li ħadet għaliex dan ma tixtieqx tarah jiġri fil-bini tal-Parlament minkejja li hija konxja li meta taġixxi b'dan il-mod mhi se tiskorja punti mal-ebda parti tas-soċjetá. L-uniku interess tas-Sedja huwa dak li taġixxi b'imparzjalitá totali u dan purament fl-interess tal-Istituzzjoni.

Sellili għalik,

**Anġlu Farrugia**
Speaker